# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. JOSEPH APAP BOLOGNA B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar t-Tnejn 18 ta' Frar 2002**

**Avviz. numru 1312/96**

**Numru 21**

**Alf. Mizzi & Sons (Marketing) Limited**

**vs**

**Patricia Genovese u b'digriet tal-Qorti tal-4 ta' Marzu 1997, Noel Genovese gie kjamat in kawza.**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih is-socjeta attrici talbet sabiex il-konvenuti jghidu l-ghaliex ma ghandhomx jigu kundannati li jhallsu lis-socjeta attrici s-somma ta' Lm721 (seba' mija u wiehed u ghoxrin lira Maltin) dovuta fuq prezz ta' merkanzija mibjugha lill-konvenuta u debitament konsenjata.

Bl-ispejjes u l-interessi legali.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuta (fol 7 tal-atti) li biha eccepiet illi l-esponenti li hija mara mizzewga lil Noel Genovese, m'ghandha taghti xejn lill-attur stante li hija mhix l-persuna li f'isimha kien licenzjat l-Frans & Julia Supermarket jew F & J Supermarket, li kien gestjonat mill-imsemmi zewgha, li kien jinnegozja mas-Societa attrici, liema supermarket ilu maghluq madwar sentejn u li sa fejn taf l-esponenti ma kellu jaghti xejn lill-imsemmija socjeta. Ghalhekk t-talba ghandha tigi michuda .

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-digriet a fol 8 tal-atti li bih gie kjamat in kawza r-ragel tal-konvenuta Noel Genovese.

Rat in-nota tal-eccezzjonijet tal-istess Noel Genovese (fol 11 ibid) li biha eccepixxa preliminarjament illi l-esponent m'ghandu jaghti xejn lis-socjeta attrici li hija obbligata tipprova li hija kreditrici tal-esponent.

Sussidjarjament u bla pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni kwalsiasi azzjoni tas-socjeta' attrici kontrih hija preskritta a termini tal-Artikolu 2156(f), 2168.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-digriet a fol 58 tal-atti kif ukoll dak verbalizzat a fol 68 u 70 in rigward l-artikolu 2168 citat.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni.

Ikkunsidrat

Illi, hawnhekk, ser tigi decisa l-eccezzjoni preliminari, sottomessa mill-konvenut, kjamat in kawza, ossija li l-azzjoni in esami hi preskritta a basi tal-artikolu 2156(f) tal-Kodici Civili u dan bit-trapass ta' hames (5) snin.

Illi, in rigward din l-eccezzjoni xehdu Marvin Sapiano (a fol 17 u 71et seq ibid) kif ukoll il-konvenuti (a fol 73 u 80 et seq ibid) li esebew ukoll "statements" li jinsabu annessi minn fol 20 sa fol 57 ibid u minn fol 83 sa fol 95 ibid rispettivament oltre li giet annessa mal-istess atti kopja legali ta' ittra ufficjali presentata fid-29 ta' Ottubru 1996, notifikata lill-konvenuta fit-8 ta' Novembru 1996 u li tirreferi specifikatament ghall-ammont pretiz fl-avviz in esami (fol 78 u 79 ibid).

Illi, mill-esami li sar tad-dokumenti msemmija, jidher li l-istess "statements" jkopru perjodu bejn 1990 u l-1995 u li kienet giet presentata l-imsemmija ittra ufficjali. Inoltre, fil-15 ta' Novembru 1996 kien gie ntavolat l-avviz in esami. Ghalhekk jidher evidenti li l-perjodu ta' preskrizzjoni ta' hames (5) snin ma kienx skada qabel ma giet intavolata u proposta l-azzoni in esami. Bhala konsegwenza l-eccezzjoni in esami ghandha tigi michuda.

Ghal dawn il-motivi tichad l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni u tordna li jitkompla s-smiegh ta' din il-kawza; Bl-ispejjes riservati.

Alan Calleja
Deputat Registratur